

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/981****tas-7 ta' Ġunju 2017****li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-konsultazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn qabel ma tingħata awtorizzazzjoni konformi mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 84(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE jipprovdi għall-konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti qabel ma tingħata awtorizzazzjoni konformi mal-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva. Id-Direttiva 2014/65/UE tipprovdi wkoll għall-istabbiliment ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għal tali konsultazzjoni.
- (2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, jinħtieġ li dawn jaħtru punt ta' kuntatt speċifikament għall-iskop tal-komunikazzjoni qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkonsultaw lil xulxin qabel ma tingħata awtorizzazzjoni b'mod effiċjenti u fil-ħin, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri għat-talbiet għal konsultazzjoni, il-konferma tar-riċevuta u risposti għal talbiet għall-konsultazzjoni.
- (4) Il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għandhom jippermettu li l-informazzjoni li tiġi skambjata jew trażmessa tinżamm kunfidenzjali skont id-Direttiva 2014/65/UE, u biex ikun hemm konformità mar-regoli stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta personali.
- (5) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni abbozzati sottomessi mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA) lill-Kummissjoni.
- (7) L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati tal-introduzzjoni ta' formoli u proċeduri standard għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti, peress li dan kien ikun sproporzjonat fir-rigward tal-iskop u l-impatt tagħhom, filwaqt li jitqies li d-destinatarji ta' daww l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni se jkunu biss l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri u mhux il-parteciċipanti fis-suq.
- (8) L-ESMA talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Punti ta' kuntatt**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeżinjaw punti ta' kuntatt għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament u jipubblikaw l-informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt tagħhom fuq is-siti web tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠUL 173, 12.6.2014, p. 349.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt tagħhom lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). L-ESMA għandha żżomm lista aġġornata tal-punti ta' kuntatt għall-użu tal-awtoritajiet kompetenti u għandha tippubblikaha fuq is-sit web tagħha.

#### Artikolu 2

### Talba għall-konsultazzjoni

1. L-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha tressaq it-talba għal konsultazzjoni fforma kartaccja inkella permezz ta' mezz elettroniċi, lill-punt ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti li għandha tiġi kkonsultata.

2. L-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha tressaq it-talba tagħha għall-konsultazzjoni billi timla l-formola li tinsab fl-Anness I. Flimkien mat-talba għall-informazzjoni, l-awtorità kompetenti li tkun qed tagħmilha tista' tehmeż kull dokument jew materjal ta' sostenn li jitqies neċessarju biex isostni t-talba.

#### Artikolu 3

### Konferma tar-riċevuta

L-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tibgħat konferma tar-riċevuta billi timla l-formola li tinsab fl-Anness II, fi żmien ħamest ijiem mindu tasal it-talba għall-konsultazzjoni, indirizzata lill-punt ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba.

#### Artikolu 4

### Risposta għal talba għall-konsultazzjoni

1. L-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha ttrirrispondi għal talba għall-konsultazzjoni fforma kartaccja jew b'mezzi elettroniċi. Ir-risposta għandha tkun indirizzata lill-punt ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba, sakemm l-awtorità ma tkunx speċifikat li għandu jsir mod ieħor.

2. L-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba dwar kwalunkwe kjarifika li tkun teħtieġ b'rabta mal-informazzjoni mitluba.

3. Billi timla mill-iktar fis possibbli l-formola li tinsab fl-Anness III, u fi żmien 60 ġurnata xogħol mid-data li fiha tkun waslet it-talba għall-konsultazzjoni, l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tagħti l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti li tkun talbet l-informazzjoni:

(a) l-informazzjoni mitluba fit-talba għal konsultazzjoni u kull fehma jew riżerva b'rabta mal-ġhoti tal-awtorizzazzjoni;

(b) kull informazzjoni essenzjali oħra li tista' tinfluwenza l-ġhoti tal-awtorizzazzjoni.

4. Meta l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba tqis li aktarx mhix se tlaħħaq mal-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 3, din għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba b'dan minnufih, u tindika r-raġunijiet għad-dewmien u d-data mistennija tar-risposta. Din għandha tagħti wkoll informazzjoni regolari dwar il-progress tat-tejjija tar-risposta tagħha.

5. Meta l-awtorità kompetenti li tkun irċeviet it-talba ma tkunx tista' tlaħħaq mal-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, din għandha ttiprovdi l-informazzjoni b'tali mod li jiżgura li kull azzjoni meħtieġa tkun tista' ssir bil-ħeffa, filwaqt li tkun konformi mal-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/65/UE.

#### Artikolu 5

### Proċedura għall-konsultazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw b'rabta mat-talba għall-konsultazzjoni u r-risposta għaliha billi jużaw l-iktar mezz effiċjenti minn dawk li jinsabu fl-Artikoli 2(1) u 4(1), filwaqt li jqisu l-kunfidenzjalità, il-ħinijiet għall-korrispondenza, il-volum ta' materjal li għandu jiġi komunikat u l-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtorità kompetenti rikjedenti. B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti rikjedenti għandha ttrirrispondi minnufih għal kull kjarifika mitluba mill-awtorità kompetenti rikjesta.

2. Jekk l-informazzjoni mitluba tinsab għand, jew tista' tinsab għand, awtorità kompetenti ta' Stat Membru għajr l-awtorità kompetenti tal-istess Stat Membru li tirċievi t-talba, l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba għandha tiġbor l-informazzjoni minnufih mill-awtorità kompetenti l-oħra u tittrażmettilha lill-awtorità kompetenti rikjedenti f'konformità mal-Artikolu 4.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw biex isolvu kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala fit-twettiq ta' rikjesta.
4. Meta jkun hemm informazzjoni ġdida jew tinqala l-ħtieġa għal aktar informazzjoni waqt il-proċedura tal-ġhoti jew taċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha tiġi skambjata. Il-formoli li jinsabu fl-Annessi I u II għandhom jintużaw għal dan l-għan.
5. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 2(1) u 4(1), meta l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba tagħmel talba għal konsultazzjoni tul il-perjodu tal-aħħar 30 jum ta' ħidma qabel tmiem il-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, din tista' tagħmel tali talba verbalment, dment li l-konferma sussegwenti tat-talba għal konsultazzjoni ssir bil-miktub, sakenm l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba ma taqbilx li jsir mod ieħor.

#### Artikolu 6

#### Użu tal-informazzjoni

1. Jekk l-informazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti li tkun irċeviet it-talba tiġi riprodotta fir-risposta tal-awtorità kompetenti li tkun bagħtet it-talba għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti li tkun bagħtet it-talba għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba qabel ma tinforma lill-applikant.
2. Fil-każ li jkun hemm talba biex tiġi divulgata informazzjoni li awtorità kompetenti tkun irċeviet mingħand awtorità kompetenti oħra, l-awtorità kompetenti li tkun irċeviet it-talba għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti l-oħra qabel ma tiddivulga l-informazzjoni u għandha teżerċita l-eżenzjonijiet jew privileġġi legali xierqa fir-rigward tal-informazzjoni li jistgħu jkunu disponibbli.

#### Artikolu 7

#### Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX I

**Formola għal talba għal konsultazzjoni**

Talba għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

**Informazzjoni ġenerali**

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti li qed tagħmel it-talba:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti li qed issirilha t-talba:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

S(a) [daħħal l-isem xieraq]

Skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE, qiegħda ssir talba għal konsultazzjoni f' relazzjoni mal-kwistjonijiet elenkati f' iktar dettall hawn taħt.

Kun af li skont konformi mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, il-limitu ta' żmien biex tingħata tweġiba għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni hija [daħħal id-data]. Jekk jogħġbok ipprovdli l-informazzjoni mitluba u kull informazzjoni essenzjali oħra fi żmien 60 jum mindu tasal din it-talba jew, jekk dan ma jkunx possibbli, indikazzjoni ta' meta tkun tista' tagħti l-informazzjoni mitluba, filwaqt li tqis il-limitu ta' żmien għat-tweġiba għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

**Informazzjoni dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni**

Suġġett

.....  
 .....  
 .....  
 .....

[jekk jogħġbok ipprovdli l-informazzjoni hawn jew inkella agħmel referenza għall-annessi li fihom l-informazzjoni]

Informazzjoni dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni

.....  
.....  
.....

[jekk jogħġbok ipprovd i l-informazzjoni hawn jew inkella agħmel referenza għall-annessi li fihom l-informazzjoni]

Informazzjoni dwar awtoritajiet kompetenti oħra involuti

.....  
.....  
.....

[jekk jogħġbok ipprovd i l-informazzjoni hawn jew inkella agħmel referenza għall-annessi li fihom l-informazzjoni]

B'segwitu għal

.....  
.....  
.....

[jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar it-talba preċedenti li jippermettilha tiġi identifikata, jekk applikabbli]

Informazzjoni mitluba [jekk hemm]:

.....  
.....  
.....

[jekk jogħġbok daħħal deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni speċifika mitluba, inkluż kwalunkwe dokumenti rilevanti mitluba, bir-raġunijiet l-għala dik l-informazzjoni hija meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni]

Informazzjoni addizzjonali mogħtija mill-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba.

.....  
.....  
.....

[jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar jekk l-awtorità kompetenti li qed tagħmel it-talba kkuntattjajt jew hijjex beħsiebha tikkuntattja kwalunkwe awtorità oħra jew aġenzija tal-infurzar tal-liġi fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li rċeviet it-talba b'rabta mas-suġġett tat-talba jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra li skont l-awtorità kompetenti li qed tagħmel it-talba għandha interess attiv fis-suġġett tat-talba]

Kunfidenzjalità

.....  
.....  
.....

[jekk jogħġbok daħħal kull twissija neċessarja dwar il-kunfidenzjalità jew kwalunkwe restrizzjoni neċessarja fuq l-użi permessi tal-informazzjoni (konformi mal-liġi tal-Unjoni)].

Dejjem tiegħek,

[firma]

## ANNEX II

**Formola għall-konferma tar-riċevuta ta' talba għal konsultazzjoni**

Konferma tar-riċevuta ta' talba għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

## MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti li waslitilha t-talba:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti li qed tagħmel it-talba:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

S(a) [daħħal l-isem xieraq]

B'dan qegħdin nikkonfermaw li rċevajna t-talba tiegħek għal konsultazzjoni li saret, skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE, fi [daħħal id-data].

Data mistennija tar-risposta: .....

Dejjem tiegħek,

[firma]

ANNEX III

**Formola għal risposta għal konsultazzjoni**

Risposta għal talba għal konsultazzjoni skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE

Numru ta' referenza:

Data:

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti li waslitilha t-talba:

Indirizz ġuridiku:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità Kompetenti li qed tagħmel it-talba:

Indirizz:

(Dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt)

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

S(a) [daħħal l-isem xieraq]

Skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/65/UE, eżaminajna t-talba għal konsultazzjoni tiegħek bid-data [jj.xx.ssss] bir-referenza [daħħal in-numru ta' referenza].

Fejn rilevanti, jekk jogħġbok spjega kwalunkwe kjarifika li tista' tkun teħtieġ b'rabta mal-informazzjoni mitluba jew ma kwalunkwe aspett ieħor tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni rilevanti:

.....  
.....  
.....  
.....

Jekk l-informazzjoni mitluba tkun inġabret, jekk jogħġbok agħti dik l-informazzjoni hawn jew inkella spjega kif se tiġi pprovduta; inkella agħmel referenza għall-annessi rilevanti li jkun fihom l-informazzjoni mitluba:

.....  
.....  
.....  
.....

Jekk hemm xi informazzjoni rilevanti jew essenzjali oħra, jekk jogħġbok agħti dik l-informazzjoni hawn jew inkella spjega kif se tiġi pprovduta; inkella agħmel referenza għall-annessi rilevanti li jkun fihom dik l-informazzjoni:

.....  
.....  
.....

*[jekk jogħġbok ipprovdì kwalunkwe informazzjoni essenzjali oħra li tista' tinflwenza l-għoti tal-awtorizzazzjoni]*

.....  
.....  
.....

Kunfidenzjalità

.....  
.....  
.....

*[jekk jogħġbok dañhal kull twissija neċessarja dwar il-kunfidenzjalità jew kwalunkwe restrizzjoni neċessarja fuq l-użi permessi tal-informazzjoni (konformi mal-liġi tal-Unjoni)].*

Dejjem tiegħek,

[firma]